

Brussell, 26 ta' Jannar 2024
(OR. en)

5788/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0012(NLE)

POLCOM 26
COMER 17
RELEX 97
DUAL USE 10
RECH 28
ENER 36
ENV 84

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Jannar 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 26 final
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tar-riċerka

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 26 final.

Mehmuż: COM(2024) 26 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.1.2024
COM(2024) 26 final

2024/0012 (NLE)

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar it-tishih tas-sigurtà tar-riċerka

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Kif deskritt fl-istrateġija Ewropea ta' sigurtà ekonomika, ippubblikata f'Ġunju 2023¹, żieda globali fit-tensjonijiet ġeopolitiċi u fl-azzjonijiet ekonomiċi ostili, fl-attakki ċibernetiċi u fuq l-infrastruttura kritika, fl-indhila barrani u fid-diżinformazzjoni esponew riskji u vulnerabbiltajiet fis-soċjetajiet, fl-ekonomiji u fil-kumpaniji tagħna. F'xi każijiet, deher ċar li l-Ewropa għandha tkun imħejjija aħjar għar-riskji li qed jevolvu, dawk ġodda u emerġenti li nħolqu f'dan il-kuntest ġeopolitiku aktar ta' sfida.

It-teknoloġiji kritiċi u b'użu doppju għandhom rwol ċentrali f'dan il-kuntest, b'xi wħud mill-kompetituri tagħna jużaw teknoloġiji emerġenti u ta' tfixkil biex jagħtu spinta lill-pożizzjonijiet politiċi, ekonomiċi u militari tagħhom. Dan jista' jwassal biex ir-riċerka u l-innovazzjoni Ewropej jiġu affettwati minn influwenza malizzjuża u jintużaw ħażin b'modi li jaffettwaw is-sigurtà tagħna jew jiksru n-normi etiċi tagħna.

Is-settur tar-riċerka u l-innovazzjoni huwa vulnerabbli b'mod partikolari minħabba l-ftuħ u l-internazzjonalizzazzjoni tiegħu, li huwa fid-DNA tiegħu. Għalhekk, huwa meħtieġ approċċ imfassal apposta msejjes b'mod qawwi fil-libertà akkademika u fl-awtonomija istituzzjonali, prinċipji li huma fundamentali għar-riċerka u l-innovazzjoni, biex tissaħħaħ is-sigurtà tar-riċerka fis-settur tar-riċerka u l-innovazzjoni madwar l-Ewropa.

L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka jeħtiġilhom jinnavigaw f'xenarju internazzjonali dejjem aktar kumpless u mimli tensjoni. Huwa d-dmir tal-UE li tgħinhom jaqsmu dan it-teren b'mod responsabbli u sigur b'rispett sħiħ tal-libertà akkademika u tal-awtonomija istituzzjonali.

Ir-rakkomandazzjoni proposta tal-Kunsill toffri, għall-ewwel darba, definizzjoni konġunta tal-problema u sens kondiviż ta' urġenza. Hija ttipprovdi gwida politika dwar kif jista' jidher rispons politiku effettiv, filwaqt li tqis li ħafna mill-ħidma fuq is-sigurtà tar-riċerka hija dwar in-navigazzjoni ta' "żoni griżi" fejn ċerti forom ta' kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni jistgħu ma jkunux ipprojbti, iżda madankollu ma humiex mixtieqa minħabba li joħolqu riskji għas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha jew ma humiex etiċi.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-istrateġija Ewropea ta' sigurtà ekonomika ssegwi approċċ fuq tliet pilastri: il-promozzjoni tal-bażi ekonomika u tal-kompetittività tal-UE; il-protezzjoni mir-riskji tas-sigurtà ekonomika; u s-sħubija mal-usa' firxa possibbli ta' pajjiżi biex jiġu indirizzati t-tħassib u l-interessi kondiviżi. L-għan tagħha huwa li ttipprovdi qafas għal valutazzjoni u ġestjoni robusti tar-riskji għas-sigurtà ekonomika fil-livell tal-UE, nazzjonali u tan-negozju, filwaqt li tippreserva u żżid id-dinamiżmu ekonomiku tagħna.

Fl-istrateġija, il-Kummissjoni impenjat ruħha li "tipproponi miżuri biex ittejjeb is-sigurtà tar-riċerka, filwaqt li tiżgura l-infurzar sistematiku u rigoruż tal-għodod eżistenti u tidentifika u tindirizza kwalunkwe diskrepanza li jifdal, filwaqt li tippreserva l-ftuħ tal-ekosistema tal-innovazzjoni." Il-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill twettaq dan l-impenn billi tifformula prinċipji ta' gwida għall-internazzjonalizzazzjoni responsabbli u azzjonijiet ta'

¹ Il-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli dwar l-istrateġija Ewropea ta' sigurtà ekonomika, JOIN(2023)20 tal-20.06.2023 ([link](#)).

politika ewlenin fil-livell nazzjonali u settorjali biex ittejjeb is-sigurtà tar-riċerka u telenka inizzjattivi fil-livell tal-UE biex tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri u tas-settur.

Il-proposta għal rakkomandazzjoni tikkomplementa u tibni fuq il-ħidma li ilha għaddejja minn meta l-Kummissjoni ppubblikat il-komunikazzjoni tagħha dwar l-Approċċ Globali għar-riċerka u l-innovazzjoni f'Mejju 2021². F'dik il-komunikazzjoni, hija ppreżentat strateġija biex tippreserva l-ftuħ fil-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tippromwovi kundizzjonijiet ekwi u reċiproċità mirfuda minn valuri fundamentali.

Permezz tal-konklużjonijiet tiegħu tal-Kunsill ta' Settembru 2021 dwar l-Approċċ Globali, il-Kunsill ta mandat biex jaħdem fuq l-indirizzar tal-indħil barrani fir-riċerka u l-innovazzjoni.³ Fuq din il-bażi, ittiegħdu inizzjattivi ta' segwitu importanti, b'mod partikolari l-adozzjoni mill-Kummissjoni f'Jannar 2022 ta' dokument ta' ħidma tal-persunal dwar l-indirizzar tal-indħil barrani fir-R&I.⁴ Id-dokument jintuża mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati tar-R&I bħala bażi biex tiġi diskussa s-sigurtà tar-riċerka u bħala sors ta' ispirazzjoni biex jiġu żviluppati l-linji gwida u l-għodod imfassla apposta tagħhom stess. Il-Parlament Ewropew laqa' d-dokument fir-risoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2022 dwar l-Approċċ Globali.⁵ Il-Kummissjoni ffaċilitat ukoll it-tagħlim bejn il-pari fost l-Istati Membri permezz ta' eżerċizzju ta' tagħlim reċiproku u qed tiżviluppa punt uniku ta' servizz online li se jlaqqa' flimkien id-dokumenti, ir-rapporti u l-għodod rilevanti kollha dwar is-sigurtà tar-riċerka.

Barra minn hekk, sar dibattitu ta' orjentazzjoni dwar "Is-sigurtà tal-għarfien u l-internazzjonalizzazzjoni responsabbli" fil-Kunsill tal-Kompetittività ta' Mejju 2023, li pprovda għarfien u gwida imprezzabbli għall-proposta.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Ir-rakkomandazzjoni proposta hija parti minn pakkett komprensiv ta' miżuri li jsegwu l-istrateġija Ewropea ta' sigurtà ekonomika tal-20 ta' Ġunju 2023. Bħala tali, il-proposta tiffirma element kostitwenti fi sforz ġenerali biex tissaħħaħ is-sigurtà ekonomika tal-UE b'mod ġenerali. Fit-3 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjoni li fiha identifika oqsma teknoloġiċi kritiċi għas-sigurtà ekonomika tal-UE għal valutazzjoni tar-riskju ulterjuri mal-Istati Membri⁶. L-eżitu ta' din il-valutazzjoni tar-riskju jista' jinforma miżuri oħrajn biex tiġi implimentata l-istrateġija Ewropea ta' sigurtà ekonomika, inklużi miżuri biex tissaħħaħ is-sigurtà tar-riċerka. Il-konsultazzjoni pubblika mnedija bil-White Paper dwar l-investment 'il barra se tiġi kkunsidrata, b'mod partikolari fir-rigward ta' elementi rilevanti għar-riċerka u l-innovazzjoni.

Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjoni proposta hija komplementari u konsistenti ma' għadd ta' inizzjattivi oħrajn tal-UE, b'mod partikolari:

² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni: L-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel, COM(2021) 252 tat-18.05.2021 ([link](#)).

³ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tat-28.09.2021 ([link](#)), b'mod partikolari l-paragrafi 3, 11 u 23.

⁴ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, *Tackling R&I foreign interference – Staff working document*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022 ([link](#)).

⁵ Ir-Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar approċċ globali għar-riċerka u l-innovazzjoni, P9_TA(2022)0112 tas-06.04.2022 ([link](#)).

⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar oqsma teknoloġiċi kritiċi għas-sigurtà ekonomika tal-UE għal valutazzjoni tar-riskju ulterjuri mal-Istati Membri, C(2023) 6689 tat-03.10.2023 ([link](#)).

- il-ħidma li saret fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu, fil-qafas tal-istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà⁷ u l-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża⁸;
- ir-regoli Ewropej għall-esportazzjoni barra mill-UE ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju kif stabbiliti fir-Regolament tal-UE dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni.⁹ Sabiex tgħin lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u lill-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka, f'Settembru 2021 il-Kummissjoni ppubblikat rakkomandazzjoni dwar programmi ta' konformità għar-riċerka li jinvolvu oġġetti b'użu doppju¹⁰;
- il-pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija, adottat mill-Kummissjoni f'Diċembru 2023 qabel l-elezzjonijiet Ewropej ta' Ġunju 2024. Il-pakkett għandu l-għan li jindirizza t-theddid ta' ndħil barrani permezz ta' livelli oġhla ta' trasparenza tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi, filwaqt li fl-istess ħin jinkoraġġixxi l-involviment ċiviku u l-parteciġazzjoni taċ-ċittadini fid-demokrazija tagħna¹¹.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-inizjattiva taqa' fil-qasam ta' politika "riċerka u żvilupp teknoloġiku", fejn l-UE u l-Istati Membri tagħha jikkondividu l-kompetenzi f'konformità mal-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Ir-rakkomandazzjoni proposta tal-Kunsill hija bbażata fuq l-Artikolu 182(5) flimkien mal-Artikolu 292 tat-TFUE.

L-Artikolu 182(5) tat-TFUE jiftaħ il-possibbiltà li l-attivitajiet ippjanati fil-programm qafas pluriennali jiġu kkumplimentati billi jippermetti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja u, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa biex jimplimentaw iż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

L-Artikolu 292 tat-TFUE jipprovdi l-bażi ġuridika għall-Kunsill biex jadotta rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq proposta tal-Kummissjoni.

L-inizjattiva ma tipproponi l-ebda estensjoni tas-setgħa regolatorja jew l-impenji vinkolanti tal-UE fuq l-Istati Membri. Huma l-Istati Membri li se jiddeċiedu, abbażi taċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom, kif jimplimentaw din ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Din il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif previst fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

Filwaqt li l-gvernijiet nazzjonali jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jikkomunikaw mal-universitajiet tagħhom u ma' organizzazzjonijiet oħrajn li jwettqu r-riċerka u jappoġġawhom biex jieħdu l-miżuri meħtieġa, jeħtieġ li jkun hemm kooperazzjoni u koordinazzjoni fil-livell

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, COM(2020)605 tal-24.07.2020 ([link](#)).

⁸ Il-Kunsill tal-UE: Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża, ST 7371/22 tal-21.03.2022 ([link](#)).

⁹ Ir-Regolament (UE) 2021/821 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni Ewropea għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju ([link](#)).

¹⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar programmi ta' konformità interna għall-kontrolli tar-riċerka li tirrigwarda oġġetti b'użu doppju [...], 2021/1700 tal-15.09.2021 ([link](#)).

¹¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Difiża tad-Demokrazija, COM(2023) 630 tat-12.12.2023 ([link](#)).

tal-UE biex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq taż-żona Ewropea tar-riċerka u biex jitnaqqsu d-disparitajiet ikkawżati mid-differenzi fil-miżuri nazzjonali tas-sigurtà tar-riċerka.

Bħalissa, l-għarfien tar-riskji ma huwiex mifrux b'mod ugwali madwar l-UE. Għadd dejjem jikber ta' Stati Membri u ta' atturi tar-R&I qed jiżviluppaw u jintroduċu miżuri ta' salvagwardja ddedikati, filwaqt li jidher li hemm oħrajn li f'it li xejn huma konxji, u b'hekk qed jinħolqu vulnerabbiltajiet li jistgħu jiġu sfruttati faċilment. Għalhekk, huwa essenzjali li jkun hemm livell minimu ta' konsistenza fl-approċċ madwar l-UE.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif previst fl-Artikolu 5(4) tat-TUE. La l-kontenut u lanqas il-forma ta' din ir-rakkomandazzjoni proposta tal-Kunsill ma jaqbuż dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-oġġettiv li jinkiseb livell minimu ta' konsistenza fl-approċċ madwar l-UE.

L-istatus legali ta' din l-inizjattiva għandu jiżgura s-sjieda u l-approvazzjoni mill-Istati Membri. Fl-istess ħin, dan għandu jiddependi l-aktar fuq l-awtogovernanza mis-settur tar-R&I, f'konformità mal-libertà akkademika u l-awtonomija istituzzjonali.

Ir-rakkomandazzjoni tgħin lill-Istati Membri u lill-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka jiżviluppaw u jimplementaw politiki u miżuri li huma kemm effettivi kif ukoll proporzjonati. Hija tissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni internazzjonali u l-ftuħ skont il-prinċipju "kemm jista' jkun miftuħ, magħluq kemm meħtieġ". Hija turi wkoll liema miżuri ta' ġestjoni tar-riskju jistgħu jiġu introdotti, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ il-libertà akkademika u l-awtonomija istituzzjonali, filwaqt li jiġu evitati d-diskriminazzjoni u l-istigmatizzazzjoni.

- **Għażla tal-istrument**

Ir-rakkomandazzjoni proposta tal-Kunsill tipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar kif għandhom jidentifikaw u jindirizzaw ir-riskji għas-sigurtà tar-riċerka b'mod effettiv. Hija tirrakkomanda li l-Istati Membri jappoġġaw is-settur tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħhom, filwaqt li jieħdu passi xierqa biex joħlqu sensibilizzazzjoni u jibnu reżiljenza. Filwaqt li tibni fuq id-dokument ta' ħidma tal-persunal dwar l-indirizzar tal-indiħil barrani fir-R&I, rakkomandazzjoni tal-Kunsill tiżgura li l-Istati Membri kollha jkunu involuti u impenjati b'mod attiv fil-livell politiku.

Inkella, tista' tiġi kkunsidrata rakkomandazzjoni jew komunikazzjoni tal-Kummissjoni. F'termini ta' kontenut, dawn jistgħu fil-prinċipju jkopru l-istess kwistjonijiet bħal rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Madankollu, dak li għandhom komuni dawn l-istrumenti huwa li ma jinvolvux jew ma jimpenjawx b'mod attiv lill-Istati Membri. Ma hemm l-ebda garanzija li d-destinatarji jikkondividu l-approċċ propost u s-sens ta' urġenza.

Inizjattiva legalment vinkolanti, bħal direttiva jew regolament, li tirregola l-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni b'mod li r-riskji jiġu identifikati u indirizzati kif xieraq mill-Istati Membri tiggarrantixxi konsistenza legali fl-Unjoni kollha. Madankollu, l-iżvantaġġ ewlieni ta' strument vinkolanti f'dan il-kuntest speċifiku huwa li jkun diffiċli ħafna li dan jitfassal b'tali mod li jiġu rrispettati d-diviżjoni tal-kompetenza bejn l-UE u l-Istati Membri, kif ukoll il-prinċipji tal-libertà akkademika u tal-awtonomija istituzzjonali.

Għal dawn ir-raġunijiet, proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill titqies bħala l-istrument ta' politika xieraq biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ikkonċernati.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ir-rakkomandazzjoni proposta tal-Kunsill tibni fuq id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar l-indirizzar tal-indhila barrani fir-R&I ta' Jannar 2022. Matul l-2023, sar eżerċizzju ta' taqsim reċiproku dwar l-indirizzar tal-indhila barrani fir-R&I, b'esperti minn 13-il Stat Membru jiskambjaw esperjenza u kompetenza nazzjonali. Barra minn hekk, saru tliet laqgħat iddedikati dwar is-sigurtà tar-riċerka mal-esperti tal-Istati Membri fil-kuntest tan-*Network* tal-*Għarfien* tal-UE dwar iċ-Ċina (EUKNOC).

L-iżvilupp tal-proposta kien informat ukoll minn sejħa għal evidenza, li kienet miftuħa għal feedback pubbliku fuq il-paġna web “*Semma' Leħnek*” mis-6 ta' Diċembru 2023 sat-3 ta' Jannar 2024. Il-Kummissjoni rċeviet 56 kontribuzzjoni, li kważi 40 % minnhom ġew minn istituzzjonijiet akkademiċi jew tar-riċerka. Minbarra s-sejħa għal evidenza, saret laqgħa ta' konsultazzjoni mmirata fil-15 ta' Diċembru 2023, bil-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet ewlenin tal-partijiet ikkonċernati fil-livell tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni.

- **Ġbir u użu tal-*għarfien* espert**

Minbarra l-kontribut li wasal matul il-proċess ta' konsultazzjoni, il-proposta hija sostnuta minn evidenza, rapporti u studji estensivi miġbura matul dawn l-aħħar snin. Is-sorsi ewlenin ta' evidenza jinkludu korp kbir u li għadu qed jikber ta' dokumenti ta' gwida dwar is-sigurtà tar-riċerka żviluppata mill-Istati Membri u mill-organizzazzjonijiet settorjali¹², kif ukoll rapporti dwar il-kwistjoni minn gruppi ta' riflessjoni, organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati u kunsilli konsultattivi.

Ingħatat ukoll kunsiderazzjoni xierqa lill-politiki tas-sigurtà tar-riċerka li wħud mis-sħab internazzjonali tagħna implimentaw matul dawn l-aħħar snin, u lill-*għarfien* u l-esperjenza li kisbu waqt li għamlu dan. Dan jinkludi l-politiki ta' pajjiżi bħall-Istati Uniti, ir-Renju Unit, l-Awstralja u l-Kanada¹³. Fil-kuntest tad-djalogu multilaterali dwar il-valuri u l-prinċipji¹⁴, f'Diċembru 2023 sar workshop dwar is-sigurtà tar-riċerka, li fih ipparteċipaw b'mod attiv is-sħab internazzjonali.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma twettqitx valutazzjoni tal-impatt, minħabba l-approċċ komplementari tal-attivitajiet għall-inizjattivi tal-Istati Membri u n-natura mhux vinkolanti u volontarja tal-attivitajiet proposti.

L-impatt tar-rakkomandazzjoni jiddependi ħafna fuq l-involvement u r-rieda li tittieħed azzjoni mill-Istati Membri u mill-organizzazzjonijiet tas-settur u, għalhekk, huwa impossibbli li jiġi vvalutat minn qabel. Dment li l-Kunsill jadotta l-proposta u l-Istati Membri jimpenjaw

¹² Ara, pereżempju, l-pubblikazzjoni “annotated collection of guidance for secure and successful R&I cooperation” (2022) li d-DLR-PT ikkompilat fuq talba tal-Kummissjoni ([link](#)).

¹³ Aktar informazzjoni tista' pereżempju tinstab fuq is-siti web li ġejjin: għall-Istati Uniti ([link](#)), għar-Renju Unit ([link](#)), għall-Awstralja ([link](#)) u għall-Kanada ([link](#)).

¹⁴ Aktar informazzjoni dwar id-djalogu multilaterali dwar il-valuri u l-prinċipji tista' tinstab hawnhekk: [link](#).

ruħhom li jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu bl-appoġġ tas-settur, il-proposta għandha l-potenzjal li ttejjeb ir-riċerka billi żżid is-sensibilizzazzjoni u tibni r-reżiljenza fl-Ewropa kollha.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta ma hijiex marbuta mal-programm ta' simplifikazzjoni leġislattiva REFIT tal-Kummissjoni. Madankollu, isir kull sforz biex ir-riżorsi skarsi jintużaw b'mod effiċjenti, inkluż billi jintużaw l-istrutturi ta' governanza eżistenti taż-żona Ewropea tar-riċerka u permezz ta' dipendenza fuq l-istrutturi ta' rapportar eżistenti. Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjoni proposta tenfasizza li għandu jiġi evitat il-piż amministrattiv mhux meħtieġ għas-settur meta jiġu introdotti miżuri ta' salvagwardja u li, fil-kuntest tal-finanzjament tar-riċerka, iż-żmien għall-għotja ma għandux jiddewwem bla bżonn.

- **Drittijiet fundamentali**

Wieħed mill-oġettivi ewlenin tal-proposta huwa li tappoġġa lill-Istati Membri u lill-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka biex jiżguraw li l-koooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni ma tiksirx il-valuri fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem. Ir-rakkomandazzjoni għandha fil-qalba tagħha l-protezzjoni tal-valuri akkademiċi fundamentali, b'mod partikolari l-libertà akkademika u l-integrità tar-riċerka.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Filwaqt li din l-inizjattiva mhux se tkun teħtieġ riżorsi addizzjonali mill-baġit tal-UE, il-miżuri f'din ir-rakkomandazzjoni se jimmobilizzaw is-sorsi ta' finanzjament fil-livell tal-UE, nazzjonali u settorjali.

Fil-każ taç-“Ċentru Ewropew ta' Għarfien Espert dwar is-Sigurtà tar-Riċerka” li l-Kummissjoni biħsiebha tistabbilixxi, il-baġit eżistenti ta' Orizzont Ewropa se jkun immobilizzat. F'termini tal-istruttura organizzazzjonali qed jitqiesu diversi għażliet, li l-Kummissjoni se tesplora aktar, filwaqt li tqis il-preferenzi tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati fir-rigward tal-funzjonalitajiet tagħha.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-ewalwazzjoni u r-rapportar**

Sabiex jiġu appoġġati l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati filwaqt li jimplimentaw ir-rakkomandazzjoni, se jsir użu sħiħ mill-istrutturi eżistenti ta' governanza taż-żona Ewropea tar-riċerka. Huwa mistenni li s-sigurtà tar-riċerka se tkun riflessa fl-aġenda politika li jmiss taż-żona Ewropea tar-riċerka għall-2025-2027, li bħalissa qed titħejja fi djalogu mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati.

Ir-rapportar tal-Kummissjoni se jiddependi fuq ir-rapportar biennali diġà eżistenti dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni. Ir-rapport li jmiss huwa previst għal nofs l-2025. L-Istati Membri huma mistiedna jissottomettu pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar kif biħsiebhom jimplimentaw ir-rakkomandazzjoni fi żmien 9 xhur mill-adozzjoni tagħha.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-għan ġenerali tal-inizjattiva huwa li tgħin lill-Istati Membri, lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u lill-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka, kemm pubbliċi kif ukoll privati, jindirizzaw ir-riskji għas-sigurtà tar-riċerka. Dan se jiżgura li l-attivitajiet ta' riċerka, innovazzjoni u edukazzjoni għolja ma jintużawx ħażin jew jinqabdu b'mod li jaffettwa s-sigurtà tal-UE u tal-Istati Membri tagħha jew ma jkunux etiċi. Għal dan il-għan, ir-rakkomandazzjoni proposta tal-Kunsill fiha t-taqsimiet li ġejjin:

- Wara l-introduzzjoni tal-kwistjoni kkonċernata u tal-isfond politiku tal-proposta fil-premessi, jiġi spjegat il-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Qed tiġi proposta definizzjoni ta' "sigurtà tar-riċerka", li tibbaża fuq l-elementi ewlenin tad-diversi definizzjonijiet li qed jintużaw internazzjonalment. Huwa ċċarat ukoll liema organizzazzjonijiet u partijiet ikkonċernati huma primarjament indirizzati fil-kuntest tar-rakkomandazzjoni.
- Imbagħad, jiġu proposti l-prinċipji għal internazzjonalizzazzjoni responsabbli. Dawn il-prinċipji huma maħsuba b'tali mod li jkun jistgħu jintużaw biex isostnu l-formulazzjoni u t-tfassil ta' rispons ta' politika għas-sigurtà tar-riċerka fi kwalunkwe livell (tal-UE, nazzjonali jew tal-organizzazzjonijiet individwali li jwettqu r-riċerka). Il-prinċipji jibbażaw fuq l-approċċi meħuda fil-gwida nazzjonali u settorjali dwar l-internazzjonalizzazzjoni responsabbli. Mir-rispons għas-sejħa għal evidenza, jista' jiġi konkluż li dawn il-prinċipji huma aċċettati b'mod ċar mill-komunità tal-partijiet ikkonċernati.
- It-taqsimi li ġejja fiha r-rakkomandazzjonijiet attwali lill-Istati Membri. Hija maqsuma f'erba' subtaqsimiet. L-ewwel subtaqsima tiffirma dak li l-awtoritajiet pubbliċi huma rakkomandati li jagħmlu għas-settur tar-riċerka u l-innovazzjoni f'termini tal-ħolqien ta' struttura ta' appoġġ u l-għoti ta' gwida. It-tieni subtaqsima tindirizza r-rwol ċentrali li l-organizzazzjonijiet nazzjonali ta' finanzjament għandhom fit-tisħiħ tas-sigurtà tar-riċerka. It-tielet subtaqsima telabora dwar dak li huwa rakkomandat li jagħmlu l-Istati Membri biex jappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u lill-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka meta jintroduċu miżuri u politiki ta' salvagwardja.
- Is-subtaqsima finali tiddeskrivi għadd ta' azzjonijiet u inizjattivi ta' appoġġ tal-Kummissjoni li għalihom hija meħtieġa l-faċilitazzjoni tal-Istati Membri.
- It-taqsimi finali tispeċifika kif jiġi ffaċilitat u mmonitorjat is-segwitu għar-rakkomandazzjoni.

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar it-tishih tas-sigurtà tar-riċerka

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292, l-ewwel u t-tieni sentenza flimkien mal-Artikolu 182(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-ftuħ, il-kooperazzjoni internazzjonali u l-libertà akkademika huma fil-qalba tar-riċerka u l-innovazzjoni ta' klassi dinjija. Madankollu, b'tensjonijiet internazzjonali li qed jikbru u r-rilevanza ġeopolitika dejjem tikber tar-riċerka u l-innovazzjoni, ir-riċerkaturi u l-akkademiċi tagħna qed iħabbtu wiċċhom dejjem aktar ma' riskji għas-sigurtà tar-riċerka meta jikkooperaw fuq livell internazzjonali, li qed iwassal biex ir-riċerka u l-innovazzjoni Ewropej jiġu affettwati minn influwenza malizzjuża u jintużaw ħażin b'modi li jaffettwaw is-sigurtà tagħna jew jiksru n-normi etiċi tagħna. Għalhekk, huwa vitali li l-istituzzjonijiet Ewropej tal-edukazzjoni għolja u l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka, kemm pubbliċi kif ukoll privati, jiġu appoġġati u mogħtija s-setgħa li jindirizzaw dawn ir-riskji. Huma meħtieġa miżuri ta' salvagwardja preċiżi u proporzjonati sabiex il-kooperazzjoni internazzjonali tinżamm miftuħa u sikura.
- (2) Ix-xjenza miftuħa tiżgura li x-xjenza ssir aċċessibbli kemm jista' jkun għall-benefiċċju tax-xjenza, tal-ekonomija u tas-soċjetà b'mod ġenerali, filwaqt li l-kooperazzjoni internazzjonali tikkontribwixxi għall-indirizzar tal-isfidi globali b'mod effettiv. Il-libertà akkademika timplika li r-riċerkaturi huma liberi li jwettqu r-riċerka tagħhom u jagħżlu l-metodi ta' riċerka kif ukoll is-sħab tar-riċerka tagħhom minn madwar id-dinja, filwaqt li l-mobbiltà internazzjonali tat-talent fir-riċerka tarrikkixxi l-inkjesta xjentifika u hija essenzjali għat-trawwim tal-innovazzjoni u għall-kisba ta' skoperti xjentifiċi.
- (3) Il-kompetizzjoni strateġika dejjem tikber u r-ritorn għall-politika tal-poter qed iwasslu għal relazzjonijiet dejjem aktar tranżazzjonali bejn l-Istati. Din il-bidla rriżultat f'theddid li huwa aktar divers, imprevedibbli u ħafna drabi ibridu¹. Minħabba r-rwol ċentrali tat-teknoloġija għall-pre-eminenza politika, ekonomika u militari, xi wħud mill-kompetituri tal-UE qed ifittxu l-primazija globali fit-teknoloġiji emerġenti u ta' tfixkil biex isaħħu l-kapaċitajiet militari u ta' intelligence tagħhom filwaqt li jsegwu b'mod attiv l-istrateġiji tal-fużjoni ċivili-militari.

¹ It-theddid ibridu jirreferi għal meta l-atturi statali jew mhux statali jfittxu li jisfruttaw il-vulnerabbiltajiet tal-UE għall-vantaġġ tagħhom stess billi jużaw b'mod ikkoordinat taħlita ta' miżuri (jiġifieri: diplomatiċi, militari, ekonomiċi, teknoloġiċi), filwaqt li jibqgħu taħt il-limitu ta' gwerri formali ([link](#)).

- (4) It-theddid ibridu jista' jaffettwa s-setturi rilevanti kollha, madankollu, minħabba l-ftuħ, il-libertà akkademika, l-awtonomija istituzzjonali u l-kollaborazzjoni dinjija tiegħu, is-settur tar-riċerka u l-innovazzjoni huwa partikolarment vulnerabbli. Ir-riċerkaturi u l-innovaturi bbażati fl-UE huma mmirati biex jaqdbu l-għarfien u t-teknoloġija l-aktar avvanzati, xi drabi billi jużaw metodi li huma qarrieqa u moħbija jew permezz ta' serq sfaċċat, iżda aktar spiss jisfruttaw kooperazzjoni akkademika internazzjonali li tidher *bona fide*. Minbarra li jipperikola s-sigurtà tagħna, dan it-theddid ibridu jista' jaffettwa l-libertà akkademika fl-Ewropa.
- (5) B'hekk, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u organizzazzjonijiet oħrajn li jwettqu r-riċerka qed jinnavigaw kuntest internazzjonali dejjem aktar ta' sfida, b'riskji ta' trasferiment mhux mixtieq ta' għarfien u teknoloġija kritiċi lejn pajjiżi ta' tħassib, fejn jistgħu jintużaw biex isaħħu l-kapaċitajiet tal-militar tagħhom, jew għal finijiet li jiksru l-valuri fundamentali. Filwaqt li mhux dejjem ikunu legalment ipprojbiti, dawn il-kollaborazzjonijiet ma humiex mixtieqa minħabba li joħlqu tħassib sinifikanti dwar is-sigurtà u l-etika.
- (6) F'konformità mal-awtonomija istituzzjonali u l-libertà akkademika, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u organizzazzjonijiet oħrajn li jwettqu r-riċerka huma primarjament responsabbli għall-iżvilupp u l-ġestjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali tagħhom. Jenħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha jipprovdulhom assistenza u appoġġ, filwaqt li jagħtuhom is-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet informati u jiġġestixxu r-riskji għas-sigurtà tar-riċerka involuta u jiżguraw li l-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka, fl-innovazzjoni u fl-edukazzjoni għolja tibqa' kemm miftuħa kif ukoll sigura.
- (7) F'dawn l-aħħar snin, kienu għaddejnin diskussjonijiet dwar it-tiŝiħ tas-sigurtà tar-riċerka fil-livell tal-UE, fejn ittieħdu wkoll bosta inizjattivi:
- F'Mejju 2021, il-Kummissjoni ppubblikat il-komunikazzjoni tagħha dwar l-Approċċ globali għar-riċerka u l-innovazzjoni², li tiddekrivi strateġija Ewropea ġdida għall-politika internazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni. Il-Kunsill wieġeb f'Settembru 2021 permezz tal-adozzjoni ta' konklużjonijiet tal-Kunsill³ li jagħtu mandat politiku għal ħidma konġunta fuq is-sigurtà tar-riċerka.
 - Ġew introdotti diversi salvagwardji fil-programm qafas tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni 2021-2027, Orizzont Ewropa⁴, li jagħtu effett lir-responsabbiltà distintiva tal-UE bħala wieħed mill-akbar finanzjaturi tar-riċerka tal-Ewropa.
 - F'Novembru 2021, il-Kunsill adotta l-aġenda politika taż-ŻER 2022-2024 bħala parti mill-konklużjonijiet tiegħu dwar il-governanza futura taż-Żona

² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni: L-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel, COM(2021) 252 tat-18.05.2021 ([link](#)).

³ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tat-28.09.2021 ([link](#)), b'mod partikolari l-paragrafi 3, 11 u 23.

⁴ Ir-regolament dwar Orizzont Ewropa, UE 2021/695 tat-28.04.2021 ([link](#)), jipprevedi *inter alia* valutazzjoni tas-sigurtà tal-proġetti kollha magħżula għall-finanzjament (l-Artikolu 20), il-possibbiltà li jiġu esklużi entitajiet ibbażati f'pajjiżi terzi jew ikkontrollati minnhom minn ċerti sejħiet (l-Artikolu 22(5)), kif ukoll biex jiżiedu kriterji ta' eliġibbiltà ma' daww stabbiliti fil-paragrafi minn 2 sa 5 biex jitqiesu r-rekwiżiti speċifiċi ta' politika jew in-natura u l-oġettivi tal-azzjoni (l-Artikolu 22(6)) u d-dritt li l-Kummissjoni jew il-korp ta' finanzjament rilevanti joġġezzjonaw għat-trasferimenti tas-sjieda tar-riżultati, jew għal għotjiet ta' liċenzja esklussiva rigward ir-riżultati (l-Artikolu 40(4)). Dispożizzjonijiet simili huma inklużi fil-Fond Ewropew għad-Difiża u fil-Programm Spazjali Ewropew.

Ewropea tar-Riċerka (ŻER)⁵, fejn l-indirizzar tal-indhġil barrani huwa inkluż f'waħda mill-azzjonijiet prijoritarji tiegħu.

- F'Jannar 2022, b'segwitu għall-impenji tagħha li joħorġu kemm mill-approċċ globali kif ukoll mill-aġenda politika taż-ŻER, il-Kummissjoni ppubblikat id-dokument ta' ħidma tal-persunal tagħha dwar l-indirizzar tal-indhġil barrani fir-R&I⁶. Barra minn hekk, sabiex jiġi ffaċilitat it-tagħlim bejn il-pari fost l-Istati Membri, matul l-2023 sar Eżerċizzju ta' Tagħlim Reċiproku (MLE).
- Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar “Strateġija Ewropea għall-Universitajiet”⁷ tfakkar li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għandhom pożizzjoni unika f'salib it-toroq tal-edukazzjoni, ir-riċerka, l-innovazzjoni, u b'hekk għandhom rwol kritiku fil-kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni⁸ u taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, tidentifika l-indhġil barrani fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja bħala theddida u tappoġġa l-implimentazzjoni tal-linji gwida dwar l-indhġil barrani. Ir-rwol tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fil-protezzjoni tal-valuri demokratiċi Ewropej huwa fil-qalba tal-istrateġija.
- Fid-9 ta' Marzu 2022, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar “l-indhġil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-diżinformazzjoni” li fiha jitlob li tissaħħaħ il-libertà akkademika, li tittejjeb it-trasparenza tal-finanzjament barrani kif ukoll li jiġi mmappjat u mmonitorjat l-indhġil barrani fl-isferi kulturali, akkademiċi u reliġjużi⁹.
- Minn perspettiva usa' ta' sigurtà u ta' difiża, għaddejja ħidma fil-qafas tal-istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà¹⁰ kif ukoll il-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża¹¹ bil-għan li ssir valutazzjoni kondiviża tat-theddid u l-isfidi u koerenza akbar fl-azzjonijiet fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, inkluż permezz ta' strumenti differenti biex jiskopru u jirrispondu għal theddid ibridu f'Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu.
- Fil-qasam tar-regoli tal-UE dwar il-kontroll tal-esportazzjoni għal oġġetti u teknoloġija b'użu doppju, ir-Regolament tal-UE dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni¹² huwa ta' importanza sinifikanti għas-sigurtà tar-riċerka. Sabiex tgħin lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u lill-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka, f'Settembru 2021, il-Kummissjoni ppubblikat rakkomandazzjoni dwar il-programmi ta' konformità għar-riċerka li tinvolvi oġġetti b'użu doppju¹³.

⁵ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-governanza futura taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) tas-26.11.2021 ([link](#)).

⁶ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, *Tackling R&I foreign interference – Staff working document*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022 ([link](#)).

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar strateġija Ewropea għall-universitajiet, COM(2022)16 tat-18.01.2022 ([link](#)).

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, COM(2020)625 tat-30.09.2020 ([link](#)).

⁹ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-indhġil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-diżinformazzjoni, P9_TA(2022)0064 tad-09.03.2022 ([link](#)).

¹⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, COM(2020)605 tal-24.07.2020 ([link](#)).

¹¹ Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea: Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża, ST 7371/22 tal-21.03.2022 ([link](#)).

¹² Ir-Regolament (UE) 2021/821 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni Ewropea għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senseriġġa, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju ([link](#)).

¹³ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar programmi ta' konformità interna għall-kontrolli tar-riċerka li tirrigwarda oġġetti b'użu doppju [...], 2021/1700 tal-15.09.2021 ([link](#)).

- (8) Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli adottaw komunikazzjoni konġunta dwar l-istrateġija Ewropea ta' sigurtà ekonomika¹⁴ li għandha l-għan li tiżgura li l-Unjoni tkompli tibbenefika minn ftuħ ekonomiku, filwaqt li timminimizza r-riskji għas-sigurtà ekonomika tagħha. L-Istrateġija tipproponi approċċ fuq tliet pilastri: il-promozzjoni tal-bażi ekonomika u tal-kompetittività tal-UE; il-protezzjoni mir-riskji; u s-sħubija mal-usa' firxa possibbli ta' pajjiżi biex jiġu indirizzati t-tħassib u l-interessi kondiviżi. F'kull wieħed mill-pilastri, ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom rwol ewlieni x'jaqdu.
- (9) B'segwitu għal din il-komunikazzjoni konġunta, il-Kummissjoni identifikat oqsma teknoloġiċi kritiċi għas-sigurtà ekonomika tal-UE għal valutazzjoni tar-riskju ulterjuri mal-Istati Membri fir-rakkomandazzjoni tagħha tat-3 ta' Ottubru 2023¹⁵. Diġà tnedew valutazzjonijiet tar-riskju bħala kwistjoni ta' prijarità fuq erbgħa mill-għaxar oqsma teknoloġiċi kritiċi identifikati, jiġifieri semikondutturi avanzati, intelliġenza artifiċjali, kwantum u bijoteknoloġiji. L-eżitu tal-valutazzjonijiet tar-riskju, meta jiġu ffinalizzati, jista' jinforma miżuri oħrajn biex tiġi implimentata l-istrateġija Ewropea ta' sigurtà ekonomika, inklużi miżuri biex tissaħħaħ is-sigurtà tar-riċerka.
- (10) Barra minn hekk, il-komunikazzjoni konġunta dwar l-istrateġija Ewropea ta' sigurtà ekonomika ħabbret li l-Kummissjoni se tipproponi miżuri biex issaħħaħ is-sigurtà tar-riċerka billi tiżgura l-użu tal-għodod eżistenti u tidentifika u tindirizza kwalunkwe lakuna li fadal, filwaqt li tippreserva l-ftuħ tal-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni.
- (11) F'termini tal-identifikazzjoni tal-lakuni msemmija fil-punt preċedenti, id-diskussjonijiet mal-Istati Membri u mal-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati juru ħtieġa urġenti fost dawk li jfasslu l-politika u l-prattikanti għal aktar ċarezza kunċettwali, fehim kondiviż tal-kwistjonijiet ikkonċernati, kif ukoll ta' x'jikkostitwixxi rispons ta' politika li huwa kemm proporzjonat kif ukoll effettiv.
- (12) Għadd dejjem jiżdied ta' Stati Membri żviluppaw jew jinsabu fil-proċess li jiżviluppaw politiki mmirati lejn it-tiħiħ tas-sigurtà tar-riċerka. Filwaqt li dawn l-isforzi ġeneralment jikkontribwixxu għas-sensibilizzazzjoni u għat-tiħiħ tar-reżiljenza, multiplikazzjoni mhux ikkoordinata ta' miżuri nazzjonali tirriżulta f'taħlita ta' politiki nazzjonali, disparitajiet fost l-Istati Membri u, b'hekk, frammentazzjoni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka. Għalhekk, hija meħtieġa koordinazzjoni fil-livell tal-UE biex tipprevedi kundizzjonijiet ekwi u biex tippoteġi l-integrità taż-Żona Ewropea tar-Riċerka.
- (13) Jenħtieġ li jiġi enfasizzat li s-salvagwardji tas-sigurtà tar-riċerka jistgħu jkunu biss verament effettivi jekk jiġu applikati b'mod konsistenti fil-livelli kollha, inklużi tal-UE, nazzjonali, reġjonali, kif ukoll il-livell ta' organizzazzjonijiet pubbliċi u privati individwali li jwettqu r-riċerka, sabiex jiġu evitati lakuni u ċirkomvenzjoni.
- (14) F'każijiet speċifiċi, il-konformità mal-leġiżlazzjoni u r-regoli rilevanti tal-UE tista' tibbenefika minn gwida interpretattiva. Dan japplika b'mod partikolari għar-regoli dwar il-kontroll tal-esportazzjoni, b'mod partikolari t-trasferiment intanġibbli tat-teknoloġija (ITT), ir-reqwiziti tal-viża għar-riċerkaturi barranin¹⁶, kif ukoll l-

¹⁴ Il-Komunikazzjoni konġunta dwar l-istrateġija Ewropea ta' sigurtà ekonomika, JOIN(2023)20 tal-20.06.2023 ([link](#)).

¹⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar oqsma teknoloġiċi kritiċi għas-sigurtà ekonomika tal-UE għal valutazzjoni tar-riskju ulterjuri mal-Istati Membri, C(2023) 6689 tat-03.10.2023 ([link](#)).

¹⁶ Id-Direttiva (UE) 2016/801 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (riformulazzjoni) tal-11.05.2016 ([link](#)).

interpretazzjoni ta' ċerti rekwiżiti tax-xjenza miftuħa u tal-ġestjoni tal-assi intellettuali minn perspettiva ta' sigurtà tar-riċerka.

- (15) Huwa importanti li t-theddid ibridu li jaffettwa l-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni jiġi vvalutat strutturalment, filwaqt li jissaħħa l-għarfien tas-sitwazzjoni fost dawk li jfasslu l-politika billi jiddependu fuq il-Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence (SIAC), b'mod partikolari ċ-Ċellola ta' Fużjoni kontra t-Theddid Ibridu, il-ħidma taċ-Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza għall-Ġlieda Kontra t-Theddid Ibridu (Hybrid CoE)¹⁷ kif ukoll l-ENISA fir-rigward tat-theddid taċ-ċibersigurtà¹⁸
- (16) Meta jitqies li sehem sinifikanti tar-riċerka u l-innovazzjoni jseħħ fis-settur privat, huwa kruċjali li jiġu żviluppati gwida u għodod immirati għan-negozju, b'mod partikolari negozji ġodda intensivi fir-riċerka u kumpaniji żgħar u ta' daqs medju. Filwaqt li r-riskji li għalihom huma esposti l-kumpaniji jistgħu jkunu simili, is-sitwazzjoni tagħhom hija differenti minn dik tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u tal-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka. F'dan id-dawl, jenħtieġ li tingħbed l-attenzjoni għar-regoli eżistenti, inklużi dawk dwar il-kontroll tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju, l-iskrinjar tal-investimenti barranin, kif ukoll il-ħidma li għaddejja fuq il-monitoraġġ tal-investimenti 'l barra.
- (17) Fit-tnejn ta' din ir-rakkomandazzjoni, ingħatat attenzjoni xierqa lill-esperjenza mill-Istati Membri, kif ukoll mis-sħab tal-UE, kemm f'kontesti bilaterali kif ukoll multilaterali. Din tqis it-tagħlimiet ta' politika minn sħab ewlenin, filwaqt li tenfasizza li jenħtieġ li jiġi fformulat approċċ li jkun adattat għall-kuntest Ewropew uniku. Qed isiru sforzi kontinwi mas-sħab tagħna biex niskambjaw informazzjoni u esperjenza, naqsmu Prattiki tajbin u nfitxu modi kif nallinjaw il-miżuri ta' salvagwardja, inkluż permezz tad-djalogu multilaterali dwar il-valuri u l-prinċipji, bħala parti minn negozjati ta' assoċjazzjoni u laqgħat konġunti tal-kumitat ta' tmexxija fix-xjenza u t-teknoloġija fil-kuntest ta' ftehimiet internazzjonali dwar ix-xjenza u t-teknoloġija, kif ukoll f'fora multilaterali, bħall-G7, l-OECD u n-NATO, u arranġamenti multilaterali rilevanti għall-kontroll tal-esportazzjoni.
- (18) Is-sigurtà tar-riċerka hija tħassib li qed jikseb aktar attenzjoni u d-dibattitu li għaddej dwar ir-riskji involuti u kif l-aħjar jiġu ġestiti qed jintensifika. Konsegwentement, hemm bżonn li tkompli tiżdied is-sensibilizzazzjoni, jiġi ffaċilitat it-tagħlim bejn il-pari bejn l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet rilevanti tal-partijiet ikkonċernati, kif ukoll li jingħata kontribut għal approċċ ta' apprendiment li jkun kemm flessibbli kif ukoll aġli.

KAMP TA' APPLIKAZZJONI

1. Għall-finijiet ta' din ir-rakkomandazzjoni, "sigurtà tar-riċerka" tirreferi għall-ġestjoni tar-riskji relatati ma':
 - (a) it-trasferiment mhux mixtieq ta' għarfien kritiku, għarfien espert u teknoloġija li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, pereżempju jekk jiġu indirizzati għal skopijiet militari f'pajjiżi terzi;
 - (b) influwenza malizzjuża fuq ir-riċerka, fejn ir-riċerka tista' tiġi strumentalizzata permezz ta' jew minn pajjiżi terzi sabiex ixerrdu ċerti narrattivi jew jinċitaw l-

¹⁷ Il-Hybrid CoE hija organizzazzjoni internazzjonali awtonoma u bbażata fuq network li tiġġieled kontra t-theddid ibridu, stabbilita fl-2017, ibbażata f'Helsinki ([link](#)).

¹⁸ L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà, ENISA, hija l-aġenzija tal-Unjoni ddedikata għall-kisba ta' livell komuni għoli ta' ċibersigurtà fl-Ewropa kollha ([link](#)).

awtoċensura fost l-istudenti u r-riċerkaturi li jiksru l-libertà akkademika u l-integrità tar-riċerka fl-UE;

- (ċ) ksur tal-etika jew tal-integrità, fejn l-għarfien u t-teknoloġiji jintużaw biex irażżnu jew jimminaw il-valuri fundamentali, kemm fl-UE kif ukoll f'postijiet oħrajn.
2. Għall-finijiet ta' din ir-rakkomandazzjoni, jenħtieġ li "kooperazzjoni internazzjonali" tinftehem bħala kooperazzjoni ta' organizzazzjonijiet pubbliċi u privati li jwettqu r-riċerka u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja ma' organizzazzjonijiet u kumpaniji tar-riċerka u l-innovazzjoni bbażati barra mill-UE. L-organizzazzjonijiet u l-kumpaniji tar-riċerka u l-innovazzjoni bbażati fl-UE, iżda li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn barra l-UE, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju.
3. Fil-kuntest ta' din ir-rakkomandazzjoni, "valutazzjoni tar-riskju" tirreferi għal proċess b'rabta mal-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni li fih titqies kombinazzjoni ta' fatturi ta' riskju ewlenin. Il-kombinazzjoni ta' dawk il-fatturi tiddetermina l-livell ta' riskju. L-elementi ewlenin li għandhom jiġu vvalutati jistgħu jinġabru f'erba' kategoriji:
- Il-profil tar-riskju tal-organizzazzjoni bbażata fl-UE li tidħol fil-kooperazzjoni internazzjonali: ikkunsidra l-punti b'saħħithom u l-vulnerabbiltajiet tal-organizzazzjoni, inklużi d-dipendenzi finanzjarji, rilevanti għall-proġett ta' riċerka;
 - Il-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni li fih għandha sseħħ il-kooperazzjoni internazzjonali: ikkunsidra jekk il-proġett jiffokax fuq qasam tar-riċerka, pereżempju, qasam teknoloġiku kritiku, jew jinvolvi metodoloġija jew infrastruttura tar-riċerka meqjusa partikolarment sensittiva minn perspettiva ta' sigurtà jew ta' etika/drittijiet tal-bniedem;
 - Il-profil tar-riskju tal-pajjiż terz fejn is-sieħeb internazzjonali huwa bbażat jew minn fejn huwa proprjetà jew ikkontrollat (pereżempju: il-pajjiż huwa soġġett għal sanzjonijiet jew għandu rekord difettuż f'dak li għandu x'jaqsam mal-istat tad-dritt jew mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, strateġija ta' fużjoni ċivili-militari aggressiva jew libertà akkademika limitata?);
 - Il-profil tar-riskju tal-organizzazzjoni sieħba internazzjonali: wettaq diliġenza dovuta fl-organizzazzjoni li qed tipprevedi li tikkooopera magħha biex issib jekk għandhiex rabtiet mal-gvern jew mal-militar, l-affiljazzjonijiet tar-riċerkaturi/tal-persunal involuti, kif ukoll l-intenzjonijiet tas-sieħeb fir-rigward tal-użu finali jew l-applikazzjoni tar-riżultati tar-riċerka.
4. Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, is-"settur tar-riċerka u l-innovazzjoni" jkopri l-organizzazzjonijiet kollha li jwettqu r-riċerka u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja madwar l-Unjoni, kemm pubbliċi kif ukoll privati. Fid-dawl tal-importanza ta' partijiet ikkonċernati oħrajn, bħall-uffiċċji tat-trasferiment tat-teknoloġija, l-aġenziji tal-internazzjonalizzazzjoni, il-kmamar tal-kummerċ u l-kumpaniji intensivi fir-riċerka, din ir-rakkomandazzjoni tista' tkun ugwalment rilevanti għall-atturi l-oħrajn kollha fl-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE. Fejn rilevanti, jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll attivitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali relatati mal-edukazzjoni.

IL-PRINĊIPJI GĦALL-INTERNAZZJONALIZZAZZJONI RESPONSABBLI

1. Tkompli tippromwovi u tiddefendi l-libertà akkademika u l-awtonomija istituzzjonali, filwaqt li tqis li r-responsabbiltà għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni primarjament taqa' fuq l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u organizzazzjonijiet oħrajn li jwettqu r-riċerka;
2. Tkompli tippromwovi u tinkoraġġixxi kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni ma' msieħba f'pajjiżi terzi li hija kemm miftuħa kif ukoll sigura, f'konformità mal-prinċipju "kemm jista' jkun miftuħa, magħluqa kemm meħtieġ", filwaqt li tiżgura li r-riżultati tar-riċerka jkunu traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli (FAIR), b'kunsiderazzjoni xierqa għar-restrizzjonijiet applikabbli, inkluż it-tħassib dwar is-sigurtà;
3. Tiżgura l-proporzjonalità tal-miżuri: fejn jiġu introdotti salvagwardji, jenħteġ li dawn ma jmorru lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ biex jiġtaffew ir-riskji involuti u jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn. L-objettiv huwa li jitneħħa r-riskju, mhux id-diżakkoppjament;
4. Tmexxi miżuri ta' sigurtà tar-riċerka biex tissalvagwardja s-sigurtà ekonomika, inkluża s-sigurtà nazzjonali u tal-Unjoni, u tiddefendi l-valuri kondiviżi, inkluża l-libertà akkademika, filwaqt li tevita l-protezzjoniżmu u l-istumentalizzazzjoni politika mhux ġustifikata tar-riċerka u l-innovazzjoni;
5. Tippromwovi l-awtogovernanza fis-settur, filwaqt li tagħti s-setgħa lir-riċerkaturi u lill-innovaturi biex jieħdu deċiżjonijiet informati, tissottolinja r-responsabbiltajiet soċjetali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u ta' organizzazzjonijiet oħrajn li jwettqu r-riċerka u tibni fuq il-prinċipju li "mal-libertà akkademika tiġi r-responsabbiltà akkademika";
6. Tadotta approċċ tal-gvern kollu, li jlaqqa' flimkien l-għarfien espert u l-ħiliet rilevanti, jiżgura approċċ komprensiv għas-sigurtà tar-riċerka u jrawwem il-koerenza tal-azzjonijiet governattivi u l-messaġġi lejn is-settur tar-riċerka u l-innovazzjoni, inklużi passi konkreti għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol rilevanti;
7. Filwaqt li ssegwi approċċ ibbażat fuq ir-riskju, tadotta politiki li jkunu anjostiċi għall-pajjiż, li jidentifikaw u jindirizzaw ir-riskji għas-sigurtà tar-riċerka minn kull fejn joħroġu, minħabba li din hija l-aħjar garanzija li jinżamm approċċ ibbilanċjat għall-opportunitajiet u r-riskji fil-kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni u li l-iżviluppi li qed jevolvu fix-xenarju tat-theċdid, inkluż il-ħolqien ta' atturi ġodda tat-theċdid, ma jiġux injorati;
8. Tiżgura li jsir kull sforz biex jiġu evitati kull forma ta' diskriminazzjoni u stigmatizzazzjoni, diretti kif ukoll indiretti, li jistgħu jseħħu bħala effetti sekondarji mhux intenzjonati ta' miżuri ta' salvagwardja u tiżgura r-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u tal-valuri kondiviżi;
9. Tirrikonoxxi n-natura dinamika tas-sigurtà tar-riċerka msawra minn riskji li qed jevolvu, għarfien ġdid u kuntesti ġeopolitiċi, li teħtieġ approċċ ta' apprendiment b'rieżamijiet perjodiċi li jitwettqu biex jiġi żgurat li l-politiki tas-sigurtà tar-riċerka jibqgħu aġġornati, effettivi u proporzjonati.

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI

b'kunsiderazzjoni sħiħa għall-awtonomija istituzzjonali u l-libertà akkademika, u f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali u r-responsabbiltà tagħhom għas-sigurtà nazzjonali:

1. Jaħdmu biex jiżviluppaw u jimplimentaw sett koerenti ta' azzjonijiet ta' politika biex isaħħu s-sigurtà tar-riċerka, billi jagħmlu l-aħjar użu mill-elementi elenkati f'din it-taqsim, filwaqt li jqisu l-prinċipji msemmija hawn fuq għall-internazzjonalizzazzjoni responsabbli;
2. Jinvolvu ruħhom fi djalogu mal-partijiet ikkonċernati fir-riċerka u l-innovazzjoni bil-ħsieb li jiddefinixxu r-responsabbiltajiet u r-rwoli, u jiżviluppaw pjan ta' azzjoni nazzjonali, jiformulaw linji gwida nazzjonali, fejn rilevanti, u jelenkaw miżuri u inizjattivi rilevanti biex tingħata spinta lis-sigurtà tar-riċerka, flimkien ma' skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom.
3. Joħolqu struttura ta' appoġġ, pereżempju: Ċentru ta' Konsulenza għas-Sigurtà tar-Riċerka, biex jgħin lir-riċerkaturi u lill-innovaturi jitrattaw ir-riskji relatati mal-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni. Filwaqt li jlaqqa' flimkien l-għarfien espert u l-ħiliet transsettorjali, jenħtieġ li dan jipprovdi informazzjoni u pariri li l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka jistgħu jużaw biex jieħdu deċiżjonijiet informati, jiżnu l-opportunitajiet u r-riskji ta' kooperazzjoni internazzjonali prospettiva kif ukoll servizzi oħrajn li għalihom is-settur tar-riċerka u l-innovazzjoni għandu ħtieġa ċara, inklużi attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u sessjonijiet ta' taħriġ.
4. Isaħħu l-bażi tal-evidenza għat-tfassil tal-politika dwar is-sigurtà tar-riċerka, permezz ta' analiżi tax-xenarju tat-tħeddid, inkluż minn perspettiva taċ-ċibersigurtà, kif ukoll permezz tat-tweqqif jew tal-ikkummissjonar ta' riċerka rilevanti għall-politika.
5. Jagħtu attenzjoni speċifika lil dawk it-teknoloġiji kritiċi identifikati mir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar oqsma teknoloġiċi kritiċi għas-sigurtà ekonomika tal-UE għal valutazzjoni tar-riskju ulterjuri mal-Istati Membri¹⁹, u għall-eżiti ta' tali valutazzjonijiet tar-riskju kollettivi.
6. Isaħħu l-kooperazzjoni transsettorjali fi ħdan il-gvern, b'mod partikolari billi jlaqqgħu flimkien lil dawk li jfasslu l-politika responsabbli għall-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-affarijiet barranin, u l-intelligence u s-sigurtà.
7. Jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni ma' organizzazzjonijiet pubbliċi u privati li jwettqu r-riċerka dwar l-analiżi u r-riċerka msemmija hawn fuq, inkluż permezz ta' laqgħat ta' informazzjoni kklassifikati u mhux ikklassifikati jew uffċjali ta' kollegament iddedikati.
8. Jiksbu għarfien dwar ir-reżiljenza tas-settur, kif ukoll l-effettività u l-proporzjonalità tal-politiki applikabbli dwar is-sigurtà tar-riċerka, inkluż possibbilment permezz ta' ttestjar regolari tar-reżiljenza u simulazzjonijiet tal-inċidenti.
9. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli applikabbli tal-UE dwar il-kontroll tal-esportazzjoni għal oġġetti b'użu doppju u s-sanzjonijiet adottati skont l-Artikolu 29 tat-TUE u l-Artikolu 215 tat-TFUE, jieħdu miżuri nazzjonali, b'mod partikolari dwar it-trasferiment tat-teknoloġija intanġibbli (ITT), kif ukoll isaħħu l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-reġimi ta' sanzjonijiet li huma rilevanti għar-riċerka u l-innovazzjoni, bħal dawk li jipprojbixxu t-trasferiment ta' ċerti teknoloġiji.
10. Jikkontribwixxu b'mod proattiv għall-pjattaforma tal-UE ta' punt uniku ta' servizz dwar l-indirizzar tal-indħil barrani fir-R&I billi jikkondividu għodod u riżorsi żviluppati permezz ta' finanzjament pubbliku bil-għan li jiffaċilitaw l-użu

¹⁹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar oqsma teknoloġiċi kritiċi għas-sigurtà ekonomika tal-UE għal valutazzjoni tar-riskju ulterjuri mal-Istati Membri tat-03.10.2023 ([link](#)).

transfruntier ta' dawn l-għodod u r-riżorsi u jwassluhom b'mod faċli għall-utent u aċċessibbli.

11. Jiżviluppaw, flimkien mas-settur privat, informazzjoni u gwida mmirati għan-negozji involuti fir-riċerka u l-innovazzjoni privati, inkluż għal negozji ġodda intensivi fir-riċerka u kumpaniji żgħira u ta' daqs medju.
12. Jikkunsidraw, fejn rilevanti, u abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju, l-applikazzjoni tal-miżuri li jinsabu f'din ir-rakkomandazzjoni għal attivitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali fl-edukazzjoni għolja, inkluż għal attivitajiet ta' mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal.

Ir-rwol tal-organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka

13. Jinvolvu ruħhom mal-organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka biex jiżguraw li:
 - (a) Is-sigurtà tar-riċerka tkun parti integrali mill-proċess ta' applikazzjoni li jqis il-fatturi differenti li, meta jitqiesu flimkien, jiddefinixxu l-profil tar-riskju tal-proġett. L-objettiv huwa li l-benefiċjarji jiġu stimulati biex jaħsbu skont il-kuntest li fih isseħħ il-kooperazzjoni fir-R&I u x'motivazzjonijiet u aġendi (moħbija) jista' jkollhom rwol, filwaqt li jiġi żgurat li r-riskji u t-theddid potenzjali jiġu identifikati minn qabel bil-għan li jiġu evitati kemm jista' jkun problemi fi stadju aktar tard.
 - (b) Il-proġetti ta' riċerka magħżula għall-finanzjament li jqajmu tħassib ("senjalazzjonijiet ta' allarm") jgħaddu minn valutazzjoni tar-riskju proporzjonata għall-profil tar-riskju tagħhom, li twassal biex jintlaħaq qbil fuq miżuri ta' salvagwardja xierqa li jindirizzaw ir-riskji identifikati, filwaqt li jiġi żgurat li ż-żmien għall-għotja ma jiddewwimx bla bżonn u jiġi evitat kwalunkwe piż amministrattiv bla bżonn.
 - (c) Meta jiġu applikati miżuri ta' salvagwardja fil-programmi ta' finanzjament nazzjonali, jitqiesu dawk applikati fil-programmi ta' finanzjament rilevanti tal-UE.
 - (d) L-applikanti qed ifittxu assigurazzjonijiet, pereżempju, billi jaqblu dwar ftehim ta' sħubija, minn sħab prospettivi għal proġetti bi profil ta' riskju għoli li r-riżultati tar-riċerka se jintużaw b'mod li jiġu rrispettati l-valuri fundamentali, inkluż ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem.
 - (e) L-għarfien espert u l-ħiliet adegwati huma disponibbli fi ħdan l-organizzazzjoni ta' finanzjament biex jindirizzaw it-tħassib dwar is-sigurtà tar-riċerka, kif ukoll biex ikollhom fis-seħħ miżuri adegwati ta' monitoraġġ u evalwazzjoni biex jissorveljaw proġetti fi stadji differenti, inklużi ż-żamma ta' rendikont tal-inċidenti u t-teħid ta' miżuri kredibbli f'każ ta' nuqqas ta' konformità.

Appoġġ lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u lil organizzazzjonijiet oħrajn li jwettqu r-riċerka

14. Jinkoraġġixxu u jappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u lil organizzazzjonijiet oħrajn li jwettqu r-riċerka biex

- (a) Joħolqu pjattaforma mifruxa mas-settur kollu tal-partijiet ikkonċernati biex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-informazzjoni, it-tagħlim bejn il-pari, l-iżvilupp ta' għodod u linji gwida u r-rapportar tal-inċidenti. Jikkunsidraw il-għbir tar-riżorsi biex isir l-aħjar użu minn riżorsi u għarfien espert skarsi u mifruxa;
- (b) Jimplimentaw proċeduri interni ta' ġestjoni tar-riskju b'mod strutturali, inkluż permezz ta' valutazzjoni tar-riskju, diliġenza dovuta tas-sħab prospettivi u eskalazzjoni għal livelli oġħla ta' teħid ta' deċiżjonijiet interni f'każ ta' elementi li jqajmu tħassib ("senjalazzjonijiet ta' allarm"), filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn;
- (c) Kull meta jidħlu fi ftehimiet ta' sħubija ta' riċerka ma' entitajiet barranin, inkluż permezz ta' Memoranda ta' Qbil, jisħqu fuq l-inklużjoni ta' kundizzjonijiet qafas ewlenin, bħar-rispett għall-valuri fundamentali, il-libertà akkademika, ir-reċiproċità u l-arranġamenti dwar il-ġestjoni tal-assi intellettuali, inklużi t-tixrid u l-valorizzazzjoni tar-riżultati, il-liċenzjar jew it-trasferiment tar-riżultati u l-ħolqien ta' spin-off, u jiżguraw li jkun hemm strateġija ta' hrugħ fis-seħħ f'każ li l-kundizzjonijiet tal-ftehimiet ma jiġux irrispettati;
- (d) Jivvalutaw ir-riskji relatati ma' programmi ta' talent sponsorjati minn gvern barrani fl-edukazzjoni għolja u fir-riċerka, billi jiffokaw b'mod partikolari fuq kwalunkwe obbligu mhux mixtieq impost fuq il-benefiċjarji tagħhom, u jiggarrantixxu li l-fornituri ta' korsijiet u taħriġ fuq il-kampus sponsorjati minn gvern barrani jirrispettaw il-missjoni u r-regoli tal-istituzzjoni ospitanti;
- (e) Jinvestu f'għarfien espert u ħiliet iddedikati għas-sigurtà tar-riċerka interna, jassenjaw ir-responsabbiltà tas-sigurtà tar-riċerka fil-livelli organizzazzjonali xierqa, u jinvestu fl-iġjene ċibernetika u fil-ħolqien ta' kultura fejn il-ftuħ u s-sigurtà jkunu f'bilanċ;
- (f) Jiżviluppaw programmi ta' taħriġ, inklużi korsijiet online, għall-prattikanti u għall-membri ġodda tal-persunal, bħala parti mill-inkorporazzjoni tagħhom, kif ukoll kurrikuli mmirati lejn it-taħriġ tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' konsulenti tas-sigurtà u ta' dawk li jfasslu l-politika. Iħarrġu lill-persuni li jirreklutaw biex jivverifikaw u jiskopru, bħala parti minn proċess ta' skrutinju strutturali, elementi li jqajmu tħassib ("senjalazzjonijiet ta' allarm") fl-applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet ta' riċerka, speċjalment dawk f'oqsma kritiċi ta' riċerka;
- (g) Jiżguraw fil-pubblikazzjonijiet xjentifiċi u fil-forom l-oħrajn kollha ta' tixrid tar-riżultati tar-riċerka trasparenza sħiħa tas-sorsi ta' finanzjament u tal-affiljazzjonijiet tal-persunal tar-riċerka, filwaqt li jevitaw li d-dipendenzi barranin u l-kunflitti ta' interess jew impenn jaffettwaw il-kwalità u l-kontenut tar-riċerka;
- (h) Jintroduċu kompartmentalizzazzjoni, kemm fiżika kif ukoll virtwali, li tiggarrantixxi li għal żoni, bħal laboratorji u infrastruttura tar-riċerka, *data* u sistemi li huma partikolarment sensitivi, l-aċċess jingħata fuq bażi stretta ta' ħtieġa ta' għarfien u, għal sistemi online, ikun hemm fis-seħħ arranġamenti robusti ta' ċibersigurtà;
- (i) Jiżguraw li jiġu evitati kull forma ta' diskriminazzjoni u stigmatizzazzjoni, kemm diretti kif ukoll indiretti, li tiġi garantita s-sikurezza individwali, b'attenzjoni partikolari għall-isfurzar tad-dijaspora mill-istat tal-orijini u forom oħrajn ta' influwenza malizzjuża, li jistgħu jwasslu għall-awtoċensura u jista'

jkollhom implikazzjonijiet ta' sigurtà għar-riċerkaturi barranin, għall-kandidati għal dottorati u għall-istudenti involuti, u li l-inċidenti jiġu rrapportati.

Azzjonijiet ta' appoġġ fil-livell tal-unjoni

15. Jikkooperaw bis-sħiħ bil-ksieb li jiffaċilitaw l-azzjonijiet li l-Kummissjoni ħadet jew li biħsiebha tiegħu biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni, u b'mod partikolari:
- (a) Jagħmlu użu sħiħ mill-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni, b'mod partikolari l-istrutturi ta' governanza taż-ŻER, biex jissensibilizzaw, biex jiġi ffaċilitat it-tagħlim bejn il-pari, kif ukoll biex tiġi ffaċilitata l-konsistenza tal-politiki;
 - (b) Jistabbilixxu Ċentru Ewropew ta' Għarfien Espert dwar is-Sigurtà tar-Riċerka bħala punt fokali, marbut mal-pjattaforma ta' punt uniku ta' servizz tal-Kummissjoni dwar l-indirizzar tal-indhili barrani fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' komunità ta' Prattika fl-UE kollha u jżommu djalogu strutturali mal-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati, kif ukoll għar-riċerka rilevanti għall-politika dwar is-sigurtà tar-riċerka u l-analiżi tax-xejriet u l-mudelli madwar l-Unjoni;
 - (c) Isaħħu, b'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli, l-għarfien tas-sitwazzjoni fost dawk li jfasslu l-politika billi jivvalutaw strutturalment it-theddid ibridu li jaffettwa l-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni;
 - (d) Jiżviluppaw metodoloġija ta' ttestjar tar-reżiljenza li tista' tintuża fil-livell nazzjonali fuq bażi volontarja minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u organizzazzjonijiet pubbliċi u privati li jwettqu r-riċerka;
 - (e) Ikomplu l-ħidma tagħha, flimkien mal-Istati Membri u bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati, dwar il-valutazzjoni tar-riskji tat-teknoloġiji kritiċi²⁰, kif ukoll jinvolvu ruħhom fi djalogu biex jiġu żgurati l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-konsistenza tal-approċċ fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju u s-salvagwardji tas-sigurtà tar-riċerka fil-programmi ta' finanzjament nazzjonali u dawk fil-programmi ta' finanzjament rilevanti tal-UE;
 - (f) Jiżviluppaw għodod u riżorsi, kemm dawk anjostiċi għall-pajjiż kif ukoll dawk speċifiċi għall-pajjiż, sabiex jappoġġaw lil istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u organizzazzjonijiet pubbliċi u privati li jwettqu r-riċerka biex iwettqu diliġenza dovuta tas-sħab prospettivi; kif ukoll jorganizzaw, flimkien mal-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati fil-livell tal-UE, Forum biennali tal-Partijiet Ikkonċernati dwar is-Sigurtà tar-Riċerka;
 - (g) Iħejju gwida interpretattiva, fejn meħtieġ, dwar l-iżvilupp ta' proċeduri ta' valutazzjoni tar-riskju, kif ukoll dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE;
 - (h) Jinvolvu ruħhom mas-settur tar-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġi vvalutat kif l-aħjar tiżdied it-trasparenza tas-sorsi ta' finanzjament tar-riċerka u l-affiljazzjonijiet tar-riċerkaturi;
 - (i) Isaħħu d-djalogu mas-sħab internazzjonali dwar is-sigurtà tar-riċerka, kif ukoll jieħdu inizjattivi biex tinkiseb vuċi komuni tal-UE dwar is-suġġett f'fora multilaterali.

²⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar oqsma teknoloġiċi kritiċi għas-sigurtà ekonomika tal-UE għal valutazzjoni tar-riskju ulterjuri mal-Istati Membri tat-03.10.2023 ([link](#)).

RAPPORTAR

1. Huwa rakkomandat li l-Istati Membri jimplimentaw din ir-rakkomandazzjoni mill-aktar fis possibbli. Huma mistiedna jikkondividu l-pjan ta' azzjoni tagħhom (imsemmi fil-punt 2 tar-rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri) mal-Kummissjoni sa [daħħal id-data 9 xhur wara l-adozzjoni mill-Kunsill] li jstabilixxi l-miżuri korrispondenti li għandhom jittieħdu biex tingħata spinta lis-sigurtà tar-riċerka, filwaqt li jitqiesu l-pożizzjonijiet inizjali rispettivi tagħhom.
2. Il-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni se jiġi mmonitorjat mill-Kummissjoni, bl-użu tal-oqfsa ta' monitoraġġ u rapportar tal-governanza taż-ŻER, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri u wara li jiġu kkonsultati l-partijiet ikkonċernati, u jirrapportaw lill-Kunsill kull sentejn, bħala parti mir-rapportar biennali tiegħu dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni. Wara valutazzjoni fil-fond u fid-dawl tal-evoluzzjoni futura tas-sitwazzjoni ġeopolitika, jistgħu jiġu proposti passi u miżuri ulterjuri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*